FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 11 TA' LULJU 2017

Il-Pulizija
(Spett Pierre Grech)

vs

Jeffrey Muscat

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 328089m akkuzat talli f' Hal Qormi u f' dawn il-Gzejjer-

1. ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' PC 482 Keith Muscat, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghyi skond il-ligi mill-awtorita' kompetenti, liema ferita giet iccertifikata minn Dr Christian Zammi MD (reg nr 3241) tal-Isptar Mater Dei, Msida;
2. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra PS 635 Alan Calleja u PC 482 Keith Muscat, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita' ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghti skond il-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 96 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. u aktar talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq il-persuni ta' PS 635 Alan Calleja u PC 482 Keith Muscat, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzahom jew jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi m'obdiex l-ordnijiet legittimi moghtija lilu minn Ufficjal tal-Pulizija, jew ma halliehomx jew fixkilom waqt li kienu qed jaghmlu d-dmirijiet taghhom, jew b'xi mod iehor bla jedd indahal fi dmirhom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista jaghmel jew billi gab fix-xejn dak li haddiehor kien ghamel skond il-ligi u dan bi ksur ta'Artikolu 338 (ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq il-vettura tal-ghamla Toyota RAV 4 bin-numru tar-registrazzjoni EBR 359 b'manjiera perikoluza bi traskuragni u bi speed eccessiv u dan bi ksur tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku;

Il-Qorti hi mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena stabbilita mill-Ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghnadhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat r-rinviju ghall-gudizzu tal-Avukat Generali;

Semghat ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kolha;

Ikkonsidrat:

Ir-rinviju tal-Avukat Generali jakkuza l-imputat talli ikkaguna ferita gravi; talli ingurja jew ghamel theddid kontra ufficjal pubbliku jew talli ghamel offiza fuq il-persuna ta' ufficjal pubbliku; talli attakka jew irrezizta bi vjolenza jew b'hebb ufficjal pubbliku; talli saq b'manjiera perikoluza, bi traskuragni u b'velocita' eccessiva, oltra talli ghamel offiza kontravenzjonali li ma odbiex l-ordnijiet legittimi tal-Pulizija.

Dwar il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, xehed l-Ispettur Pierre Grech li spjega li fil-gurnata ghal liema tirreferi l-akkuza, l-imputat kien imfittex mill-membri tal-iskwadra ta' kontra d-drogi, fuq suspett li kien fil-pussess ta' droga. Gew inkarigati biex jesegwixxu l-arrest Ps 635 Calleja u Pc 482 Muscat. Mix-xhieda taghhom jirrisulta li intercettawh fi Triq il-Mejjilla Hal Qormi, riesaq lejn d-dar tieghu b'vettura numru tar-registrazzjoni EBR 359. Intant, Triq il-Mejjilla hija Triq wiesgha ta' zewg vetturi li tidjieq f'parti biex tigi qisha fetha zghira. PS 635, li kien qieghed isuq, stqarr, li x'hin kien wasal f'din il-parti dejqa tat-triq, innota l-vettura l-ohra tal-imputat. Rah donnu jippanikkja. Rah, qabad saq bl-lura b'mod imprudenti u jahbat f'dar fi Triq San Pietru. Fil-frattemp kemm hu u l-kollega tieghu Pc 482 hargu mill-karozaa taghhom u grew fid-direzzjoni tal-imputat jintimawlu biex jieqaf u li huma pulizija. Stqarr ukoll li hemmhekk huma kienu lebsin pajzana u f'karozza li ma kellha ebda immarkar li kienet vettura tal-pulizija.

Kompla stqarr li wara li habat, l-imputat saq il-quddiem u tajjar lill-kollega tieghu PC 482. F'hin minnhom huwa spara tir ghan-naha tax-xellug tal-vettura, ma laqatix u l-imputat harab. Mill-kumplament tax-xhieda ikkonferma li kien liebes pajjzan, bhal kollega tieghu, pero' kellu fuq il-persuna tieghu l-arma tan-nar tas-servizz u li mezz ta' identifikazzjoni fl-ebda hin ma ntweriet lill-imputat.

L-imputat xehed. Spjega li kien fi Triq il-Mejjillla fil-vettura tieghu jistenna lit-tifel. Zied jghid li meta ra l-vettura (b'referenza ghal dik li kienu fiha l-Pulizija) riesqa lejh u persuna "b'revolver ippuntant lejh", ippanikja, startja l-vann u dak il-hin irriversja. Jikkonferma pero' li sekondi wara saq il-quddiem . Jghid li spicca Haz Zebbuga u qabez jigri ghal gol-ghelieqi. Jghid li bil-fixxkla li kellu fuqu t-telefon cellulari hallieh warajh fil-vann. Cahad li tajjar xi persuna.

Ikkunsidrat:

Li l-kawza hi esklussiva u limitata minn banda wahda ghall-Artikolu 95, 96 u 338 ( ?) tal-Kap 9 u minn banda l-ohra l-Artikolu 216 tal-Kap9 u 15 (1)(a)(2) tal-Kap 65.

Fil-fehma tal-Qorti, fuq l-imsemmija artikoli tal-ligi, l-provi iwasslu biex jippruvaw sal-grad ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni s-sewqan perikoluz u l-ferita gravi. Fil-kumplament il-fatt li l-persuni tal-pulizija ma kienux identifikabbli bhali tali u fid-dubbju jekk kienux identifikaw lilhom innfushom b'mod u manjiera effettiva, l-Qorti hi tal-fehma li l-bqija tal-akkuzi ma jirruzultawx pruvati.

Rat ghalhekk l-Artikoli 216 ( xhieda tat-tabib a folio 60) tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 (1)(a)(2) tal-Kap 65. Tikkundannah sena prigunerija sospizi ghal sentejn bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28 A tal-Kap 9, € 223 multa u tiskwalifikalu l-licenzja tieghu tas-sewqan ghal sena mil-lum. Tilliberah mil-bqija

A.M.Trigona
Magistrat